MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2012

Numru. 120/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Sarah Magri**
**vs**
**Waled Masud Mohamed Alghryani**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Waled Masud Mohamed Alghryani ta’ 21 sena, iben Masud u Fatma nee Lorjan, imwieled Khoms, Libja nhar il-31 t’Awwissu 1990 u residenti gewwa Triq l-Imrabat, Sliema u detentur ta’ passaport bin-numru 1565362009 gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1) Nhar il-31 ta’ Jannar 2012 ghall-habta ta’ hdax u kwart ta’ filghaxija gewwa ix-Xatt, Sliema Mr. M’s kkometta serq ta’ pakett sigaretti li l-valur tieghu huwa ta’ inqas minn 232.94 ewro, imma huwa aggravate bil-hin;
2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi prova jikkommetti serq ta’ zewgt iflixkien tax-xorb li l-valur taghhom huwa ta’ inqas minn 232.94 ewro;

3) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser volotarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta’ Artikolu 338 (dd) ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4) Nhar il-1 ta’ Frar 2012 ghall-habta ta’ saghtejn ta’ filghodu gewwa Triq Belvedere kantuniera ma’ Triq Patrick Stuart gewwa l-Gzira bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe lil PC 660 A. Mifsud u PC 899 J.Vella biza li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta’ taghhom;

5) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PC 600 Alexander Mifsud;

6) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jigifieri lil PC 899 Jean Paul Vella u PC 600 Alexander Mifsud jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod iehor, bla jedd indahlu fid-dmirijiet taghhom billi ma hallewx lil haddiehor jaghmlu li b’ligi jkun ordnat jew jistaw jaghmlu, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b’xi mod iehor li jkun, kemm-il darba din id-disubiddjenza jew dan l-indhil ma kienx jaqa’ that disposizzjonijiet ohra tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta’ Malta.
Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 1 ta’ Frar 2012 esebit a fol.8 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-1 ta’ Frar 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza tieghu surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar id-9 ta’ Frar 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u kkunsidrat l-fatt ukoll li ghandu l-fedina penali netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 270, 338(dd), 251B, 221, 338(f) tal-Kodici Kriminali ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta,tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tlett(3) snin millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------